# 24 ta' Ġunju

## JUM L-ANNIVERSARJU TAL-GHAQDA MATUL IS-SNIN

*kitba ta' Horace Muscat*



**Kuntrarju għal dak li għamlu jew jagħmlu Għaqdiet tal-Baned oħra fil-gżejjer tagħna, l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, dejjem kienet ċerta mid-data li fiha twieldet u dejjem iċċelebrat dan il-jum. Hi qatt ma ġebdet dati u laqqgħet raġunijiet biex forsi żżid xi ftit snin u tidher aktar antika. Dejjem fakkret u żammet b'għożża il-jum tat-twaqqif tagħha, jiġifieri l-24 ta' Ġunju 1906.**

Naraw madwarna każini li twieldu bħala każini b'għanijiet diversi bħal ngħidu aħna Circolo Sociale, u mbagħad mal-mixja taż-żmien iddeċidew li jarmaw banda. F'dan m'hemmx ħażin, iżda l-iżball isir meta jġibu bħala data tal-bidu tal-banda id-data ta' meta twaqqaf il-każin b'għanijiet totalment differenti. Issib ukoll Għaqdiet, kemm fil-passat u kemm riċentament li biddlu l-isem tagħhom għal darba, darbtejn jew aktar, fittxew modi kif b'xi mod jorbtu isimhom ma' ismijiet antiki fir-raħal u b'hekk ikunu jistgħu jgħidu li l-istorja tagħhom tmur lura fiż-żmien kemm jista' jkun.

Dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu iwasslu għal kontroversji u wkoll piki mhux meħtieġa.

L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu dejjem kienet ċara fil-ħwejjeġ importanti. Taf li twieldet fl-24 ta' Ġunju 1906. Taf li isimha dejjem kien għall-Patrun tal-Ħamrun, San Gejtanu, u taf li sa mill-bidu nett sal-lum, l-għan ewlieni u primarju tagħha kien it-tixrid u t-tagħlim tal-mużika u mbagħad

b'mod sekondarju dak li sservi ta' ċentru soċjali u lokal ta' mistrieħ għall-membri u għall-Ħamruniżi. Dawn it-tliet pedamenti issawru fl-ewwel jiem u fuqhom biss saret il-binja ta' 94 sena, bla ma qatt inżergħu dubji dwarhom.

L-Għaqda tagħna ukoll setgħet sfat vittma ta' ħafna tibdil u ċaqlieq li kienu jħawdu ħafna mħuħ u joħolqu ħafna piki li żgur ma jkunu ta' l-ebda ġid. Iżda hi, li dejjem tkabbret bil-wirt tagħha, żammet soda ma' ġrajjietha u onorat dejjem il-memorja tal-fundaturi tagħha u l-għanijiet stabbiliti fl-ewwel jum.

Qed ngħid dan għaliex mill-istorja naraw li qabel l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu imwaqqfa fl-1906 (l-Għaqda tagħna), fil-Ħamrun kienet teżisti banda oħra bl-istess isem ta' San Gejtanu. Qed nirreferi għall-Filarmonica San Gaetano, imwaqqfa fl-1893, li kienet daqqet għall-ewwel darba fil-pubbliku ġewwa l-Ħamrun INNU LIL SAN GEJTANU nhar il-festa ta' San Pawl fil-25 ta' Jannar 1894, innu li kien kompożizzjoni tas-surmast u fundatur tagħha, Mro. Edwardo Farina, li kien ukoll organista tal-parroċċa tagħna.

L-isem ta' San Gejtanu kien ukoll qabel din il-Filarmonica, anzi qabel it-twaqqif tal-parroċċa, l-isem ta' Għaqda oħra li niltaqgħu magħha fis-sena 1876.

Stajna, b'kumbinazzjoni minn hawn, b'tiġbida minn hemm u b'ħafna logħob, inġebbdu u nlaqqgħu ċirkostanzi matul iż-żmien biex noħorġu ngħidu li twelidna fl-1876 u aħna l-ewwel fil-Ħamrun. Dan ma sar qatt u ma jsirx, għaliex il-fatti huma ċari u jagħmlu l-akbar unur lill-Għaqda tagħna.

Nafu mill-istorja u nafu mill-ġurnali ta' l-epoka li sezzjoni tal-poplu tal-lokal ma setgħet tniżżel b'xejn it-titular ta' San Gejtanu u dejjem ħasbet li għandha d-dritt tiddetta kollox u dejjem. Nafu li l-Filarmonica San Gejtanu twaqqfet fi żmien li fih kienet ġa twaqqfet Għaqda Mużikali fil-Ħamrun li ħadet isem ta' Patrun u ta' raħal li kienu jeżistu fil-moħħ biss ta' xi wħud, għaliex il-Gvern kien jgħaraf il-lokal bħala ĦAMRUN u l-knisja kienet għarfet it-titular bħala SAN GEJTANU. Setgħet il-Filarmonica San Gaetano tal-1893 twaqqfet minn Ħamruniżi li ma setgħux iniżżlu n-nuqqas ta' ġieħ mogħti lill-aktar ismijiet għeżież tagħna, bħalma tindika ċerta kitba fil-ġurnali ta' dak iż-żmien? Seta' kien li l-Filarmonica San Gaetano sfaxxat u waqfet għaliex quddiemha sabet ħitan għoljin wisq?

L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu taf it-twelid tagħha fuq it-taraġ taz-zuntier tal-Knisja Parrokjali meta grupp ta' żgħażagħ, ewlieni fosthom FRANCESCO BUTTIGIEG, iddeċidew li jwaqqfu banda li ġġib l-isem ta' SAN GEJTANU. Dan kien fl-24 ta' Ġunju 1906. Ħadmu fuq li ħadmu, irsistew u bnew. Għażlu Surmast, inkiteb Innu, ħatru Kumitat, krew dar u dawruha f'Każin u 44 jum biss wara, fil-jiem tal-Festa ta' San Gejtanu, il-BANDA SAN GEJTANU għamlet l-ewwel servizz fl-istorja tagħha.

Dan ix-xogħol hekk vast li dawn iż-żgħażagħ riedu jwettqu fi żmien hekk qasir, serva biex imlihom bl-akbar żelu. Il-fatt li rnexxew fi ħsiebhom mela b'għadab lil min kien kontrihom u l-istorja rrepetiet ruħha meta nkitbu u deheru

artikli fil-gazzetti biex il-pulizija tieħu passi kontriħom u xxejjen l-inizzjattiva tagħhom. Iżda din id-darba l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu kienet twieldet biex tibqa' tgħix minkejja kull ħajt li ppruvaw jibnu quddiemha.

Tentattiv ieħor li sar biex ikisser il-moral ta' l-ewwel membri ta' din l-Għaqda kien li ġie attribwit lilhom il-laqam TAT-TAMAL, b'riferenza għal ħanut ta' l-imqaret ta' Grabiel Azzopardi li kien bieb ma' bieb mal-Każin il-ġdid. Kif irrakontaw l-ewwel membri u fundaturi stess, malajr ħarġet it-tweġiba *Ara Msieken x'jinkwetaw!* Hekk twieldu l-laqmijiet tat-TAMAL u tal-MISKINA. L-Għaqda tagħna matul ħajjitha, flok stħat bil-laqam li ngħatat kif xtaq il-moħħ miskin li attribwihulha, tkabbret bih u ħadd mill-membri ma jiddejjaq jgħid li hu TAMLU. Sal-gazzetta uffiċjali tal-Għaqda issemmiet TAT-TAMAL! Dan bir-raġun, għaliex laqamna juri l-oriġini umli li bihom bdejna u li fejn ninsabu llum hu kollu frott tal-ħidma sinċiera u ġenwina ta' din l-Għaqda.

Tant l-Għaqda hi kburija bil-mod kif twaqqfet, bid-data ta' twelidha, b'isimha u bl-ewwel u uniċi għanijiet tagħha, li sa mill-ewwel snin fittxet li tfakkar bl-aħjar mod JUM L-ANNIVERSARJU tagħha, jiġifieri l-24 ta'



**Il-Kumitat li fakkar il-Ġublew tal-Fidda - 1931 - (Wara): A. Mallia, J. Montfort, L. Lateo, U. Natoli u A. Borg. (Fin-nofs): P. Cutajar, C. Zammit Gera, C. Buhagiar, N. Camenzuli u P. Delali. (Quddiem): H. Mifsud, J. Magro, S. Caruana Dingli, R. Bencini, V. Delali, F. X. Muscat Ph. C. u F. Cilia**



Il-Kumitat li fakkar il-Ġublew tad-Deheb - 1956 - (Wara): J. Debattista, C. Azzopardi, J. Bugeja, A. Debattista, A. Briffa, G. Farrugia u J. Spiteri. (Fin-nofs): T. Lentini, J. Degabriele, A. Portanier, V. Quintano, P. Debattista, G. Buttigieg u G. Borg. (Quddiem): J. Haber, P. Camilleri, Dun Frans Camilleri, l-Avukat Anton Buttigieg B.A., LL.D., l-Avukat G. Demarco B.A., LL.D., H. Muscat u s-Surmast J. Abela Scolaro F.L.C.M.



Il-Kumitat li fakkar il-ħamsa u sebgħin sena mit-twaqqif tal-għaqda San Gejtanu - (Wara): K. Azzopardi, D. Sciortino, G. Borg, Ġ. Gatt u E. Falzon. (Fin-nofs): E. Maggi, L. Cutajar, E. Taliana, J. Zammit, H. Muscat, T. Lentini u S. Mangion. (Quddiem): Ċ. Grech, E. C. Debono, Dun Frans Camilleri, l-Avukat Anton Buttigieg, l-Avukat John Buttigieg, G. Vella u Mro. N. Mifsud.

ĠUNJU. Dan joħroġ ċar mill-informazzjoni li ser nagħti fil-bqija ta' din il-kitba.

Nibdew bis-sena 1909, it-tielet Anniversarju tal-Għaqda u nsibu rrapportat fil-ġurnal **Malta** tat-**23 ta' Ġunju 1909** dan li ġej:-

*-Domani, ricorrendo la Festa di San Giovanni, l'anniversario della formazione Filarmonica San Gaetano, uno splendido gonfolone, dono degli ammiratori della stessa, sara' prima benedetto nel suo Circolo ed indi presentato da Mons. Canonico Cap. Don Giov. Sarreo D.D. in Piazza San Paolo del Hamrun alle ore 6.30pm ove sara' svolto un scelto programma.-*

Tajjeb ngħidu li din l-għotja għadha tinsab fil-Każin, parti bħala bandalora u parti bħala inkwatru.

Immorru għas-sena ta' wara (1910) u nsibu li l-Banda għamlet programm fi Pjazza San Pawl (**Malta, 22 ta' Ġunju 1910**). Fl-1911 ittella' programm fi Pjazza San Pawl u ġie inawgurat il-Każin ġdid (**Malta, 27 ta' Ġunju 1911**) u sena wara sar programm fi Triq id-Duka ta' Edinburgh (**Malta, 29 ta' Ġunju 1912**).

It-tifkira tas-seba' anniversarju tal-Għaqda (1913), nafu biha permezz ta' kitba ta' korrispondent li kiteb dan li ġej u li żgur għandu jislet tbissima. Dan kiteb :-

*-Fl-istess ġurnata ukoll saret daqsxejn ta' festa il-Ħamrun mill-Banda San Gejtanu billi dakinhar għalqet sninha. Nixtieqilha għomor twil kif nixtieq lili stess!-*

Fil-ġurnal **Malta** tal-**15 ta' Ġunju 1917**, niltaqgħu mat-tħabbir ta' programm mużikali b'tifkira ta' l-Anniversarju li kellu jsir f'Misraħ San Pawl.

Fl-1918, l-Għaqda organizzat programm ġewwa l-Argotti b'riżq is-Soċjeta' ta' San Vinċenz de Paoli (**Malta, 22 ta' Ġunju 1918**).

It-tifkira tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu ta' Jum Twelidha baqgħet dejjem tkun magħmula iżda f'ċerti snin din kienet magħmula b'aktar pompi. Każ simili huwa dak tal-1925 fejn insibu rrapportat f'**The Times of Malta u Progress** tat-**3 ta' Lulju 1925**, dan li ġej:-

*-F'San Ġwann il-Banda San Gejtanu daqqet fuq iz-zuntier tal-Knisja. Din is-sena Mro. Gianni Grech, daqq is-sinfonija '24 ta' Ġunju 1925'. Is-sur Robert Bencini ippreżenta ċentru u żewġ vażetti tal-fidda lill-Banda bħala qima ta' l-ammiraturi. Fil-każin kienu miġmugħa rappreżentanti tas-Soċjetajiet kollha tal-Ħamrun, Kappillan u Saċerdoti u oħrajn fejn saru diskorsi. Il-festin ġie magħluq fost allegrija. Nagħtu prosit lill-Kumitat kollu u lill-Bandisti.-*

Mill-istess ġurnal, din id-darba fid-data **25 ta' Ġunju 1926**, naraw li Jum l-Anniversarju fl-1926, tfakkar permezz ta' daqq u fiera fi Pjazza San Pawl, waqt li fit-tifkira fis-sena 1927, skond il-ġurnal **Ħmar** tal-**25 ta' Ġunju 1927**, kien ġie ripetut l-istess programm bħal sena qabel, jiġifieri daqq mill-banda u fiera.

Fil-ġurnal **The Times of Malta u Progress** tat-**22 ta' Ġunju 1928**, insibu tagħrif dwar il-programm li l-Għaqda San Gejtanu kienet ħejjiet b'ċelebrazzjoni ta' Jum it-twaqqif tagħha. Għal dik is-sena, naqraw:-

*-Għat XXII Anniversarju tal-Każin San Gejtanu tal-Ħamrun, nhar is-Sibt li ġej mit-8pm 'il quddiem, is-Soċjeta' Mandolinistika 'Nicolo' Isouard' sejra ddoqq programm sabiħ fil-Każin San Gejtanu tal-Ħamrun b'kommemorazzjoni tat-22 Anniversarju ta' l-istess Każin. Il-Ħadd fl-10am isir riċeviment ta' l-invitati mill-Kumitat, waqt li l-Banda San Gejtanu iddoqq bċejjeċ mużikali sbieħ għall-okkażjoni. Filgħaxija mit-8pm 'il quddiem l-istess Banda tgħaddi minn Strada Rjali iddoqq marċi brijużi u wara tesegwixxi programm fi Pjazza S. Paolo taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Grech.-*

Skond il-ġurnal **Ix-Xemx** tal-**21 ta' Ġunju 1929**, it-tifkira kellha l-forma ta' daqq mill-banda u fiera u festin għas-soċi u familjari.

Nimxu sena u nsibu fit-**Times of Malta u Progress** tat-**23 ta' Ġunju 1930** li:- *Għada, għeluq l-24 sena minn mindu tinsab imwaqqfa il-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, l-okkażjoni sejra tiġi mfakkra permezz ta' ballu li fih sejra ddoqq il-Banda tar-Ramillies.-*



**L-Anniversarju tal-Għaqda qiegħed jiġi mfakkar b'ikla fuq it-terrazzin tal-Każin**

Wasalna f'din il-ħarsa lejn kif l-Għaqda iċċelebrat Jum it-Twaqqif tagħha matul is-snin, għas-sena 1931, is-sena tal-25 Anniversarju. Iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali ta' dik is-sena kienu jinkludu pranzu u ballu fil-bitħa tal-Każin, tqassim ta' ħobż fost il-fqar, daqq ta' marċijiet fi Strada Rjali, programm mużikali dirett mis-Surmast Emanuel Spiteri, At Home fil-Każin u preżentazzjoni ta' Standard mill-Kappillan Dun Gejt Mifsud.



**Il-Gvernatur Charles Bonham Carter li kien għamel żjara uffiċjali fil-Każin fl-okkażjoni tat-30 Anniversarju tal-Għaqda fl-24 ta' Ġunju 1936**

**Il-Berka** tat-**23 ta' Ġunju 1932** tgħidilna li l-Banda San Gejtanu kienet ser ittella' Programm fi Pjazza San Pawl għall-festa ta' San Ġwann. Jidderieġi s-Surmast Antonio Zammit.

Dwar iċ-ċelebrazzjonijiet li kienu saru fl-1933 insibu dawn l-avviżi:-

*-Għada, is-Sibt, Festa ta' San Ġwann, il-Banda San Gejtanu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Antonio Zammit, wara li tkun għamlet marċ u għaddiet mit-toroq ewlenin tal-Ħamrun, iddoqq Programm sabiħ fi Pjazza San Pawl bħala tifkira tas-27 Anniversarju mit-twaqqif ta' din is-Soċjeta'. Fil-jum tal-Ħadd, 25 ta' Ġunju, fit-8pm, fil-Każin tal-Banda San Gejtanu ser ikun hemm ċena fejn ikunu preżenti il-membri tal-Kumitat, is-soċi u il-familji tagħhom. Fid-9pm jibda ballu fil-wesgħa tal-bitħa tal-Każin li jkun miftuħ għall-mistednin. Tieħu parti il-Melita Jazz Band. Dħul 7d (bit-taxxa). Nisa gratis.-*

Fis-sena 1936, iċ-ċelebrazzjoni tat-twaqqif tal-Għaqda kien ukoll wieħed kbir tant li minbarra s-sehem tal-Banda, kien mistieden jagħmel żjara uffiċjali fil-Każin għall-okkażjoni il-Gvernatur Charles Bonham Carter u s-sinjura tiegħu, kif ukoll il-Logutenent Gvernatur Sir Harry Luke u ħafna nies distinti oħra fosthom il-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez.

**Il-Berka** tat-**22 ta' Ġunju 1937** tgħarrafna li f'dik is-sena it-tifkira saret permezz ta' Programm Mużikali fi Pjazza San Pawl u l-istess ġurnal fit-**23 ta' Ġunju 1939** jgħidilna li kellu jsir Programm Mużikali fi Pjazza San Pawl nhar San Ġwann bħala tifkira tat-33 Anniversarju.

F'dik is-sena bdiet it-tieni gwerra dinjija li ma damitx ma messet ukoll lil gżiritna. Fit-**Times of Malta** tat-**22 ta' Ġunju 1943** insibu tagħrif dwar żjara li kien għamel f'Malta ir-Re Ġorġ VI fejn kien ukoll irrapportat li l-Banda San Gejtanu kienet waħda mill-ftit baned li ħadu sehem f'din l-okkażjoni memorabbli.

Ċelebrazzjoni oħra speċjali li saret f'Jum it-Twaqqif tal-Għaqda, kienet dik tas-sena 1944. Il-gwerra kienet għadha għaddejja u bosta baned kienu weqfin mill-ħidma tagħhom, iżda mhux il-Banda San Gejtanu. Niftakru li l-Każin kien jintuża bħala skola u bħala qorti kif ukoll kien mekka għan-nies tas-servizzi. Ix-xogħol tal-Banda baqa' għaddej tant li kien għadu kif inħatar Surmast Direttur ġdid, Mro. Joseph Abela Scolaro, li fl-Anniversarju tal-Għaqda tal-1944 idderieġa l-Banda għall-ewwel darba.

F'rapporti li dehru fil-**Berqa** tat-**23** u tat-**30 ta' Ġunju 1944** u f'kitbiet fi ktieb ta' l-okkażjoni insibu li f'jum is-Sibt, 24 ta' Ġunju, nhar San Ġwann, għeluq snin it-twaqqif tal-Banda San Gejtanu u jum l-ewwel programm taħt




**Il-lapida fl-intrata tal-Każin li tfakkar għeluq il-50 Anniversarju tal-Għaqda, li nkixfet mill-gvernatur Laycock fl-1956**




**L-irħama li tfakkar il-75 Anniversarju tal-Għaqda mikxufa fl-1981, minn Dr. Anton Buttigieg, President ta' Malta u tal-Għaqda**

it-tmexxija tas-Surmast Joseph Abela Scolaro, il-Banda San Gejtanu sejra ddoqq sett ta' marċi brijużi miktubin mis-surmast Abela Scolaro f'marċ li jitlaq minn tarf Triq Sta. Marija u jinżel mit-triq ewlenija għal Misraħ San Pawl, fejn il-W.R. Dun Nerik Cordina Perez, Kappillan tal-Parroċċa, ibierek u jippreżenta żewġ standardi, dak Ingliż u dak Malti, qabel mal-Banda ddoqq programm kif ġej:- Innu Pontifiċju, Overture 'Saul' ta' Bazzini, Selection 'Le Wally' ta' Catalani, Overture 'Madame Ruzie' ta' Abela Scolaro, Selection 'Le Villi' ta' Puccini, Suite 'London' ta' Coates, Innu tal-Banda, Innu Malti u God Save The King. Dakinhar wara li ndaqqet l-Overture tas-Surmast Abela Scolaro, il-President Onorarju, Dr. L. Pace LL.D., ippreżenta bakketta tal-fidda lill-istess surmast b'tifkira ta' dak l-ewwel programm, liema bakketta is-sinjura Abela Scolaro irregalat lura lill-Għaqda fl-1996 fl-okkażjoni tad-disgħin anniversarju.

Ir-rapport ikompli jgħid li kif jintemm il-programm, il-Kumitat iwassal lis-Surmast il-Każin fejn hemm jiltaqa' mal-Bandisti u l-Imseħbin biex jieħdu sehem f'Dinner f'ġieħ l-Għaqda f'għeluq it-38 sena ta' ħajjitha. Kollox kellu jintemm b'diskors mill-President u bi brindisi f'ġieħ is-Surmast.

Fi żmien is-Surmast Abela Scolaro, Jum it-Twaqqif tal-Għaqda baqa' jkun iċċelebrat, ġeneralment bl-istess format bħas-sena 1944 jiġifieri marċ fi Triq



**Il-Banda San Gejtanu diretta minn Mro. Joseph Abela Scolaro, waqt id-daqq tal-Kantata lil San Gejtanu fil-50 Anniversarju tal-Għaqda fl-1956**

il-Kbira, Programm Mużikali fil-Pjazza u wara ikla fil-Każin.

Ta' min iżda nsemmu li fl-1947, is-sena li fiha tfakkar l-400 sena mill-mewt ta' San Gejtanu, kienu saru festi kbar fil-Ħamrun u l-Għaqda San Gejtanu kienet bdiet iċ-ċelebrazzjonijiet tagħha fi żmien l-Anniversarju tat-Twaqqif f'Ġunju u baqgħet sejra sal-Festa. Żgur li f'dawn il-festi spikka, baqa' u jibqa' msemmi il-kapolavur xogħol ta' Joseph Abela Scolaro u Dun Frans Camilleri, fl-Innu Kantata Lil San Gejtanu.

Wasalna għall-1956, is-sena li fiha l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu fakkret u ċċelebrat il-Ħamsin Anniversarju mit-twaqqif tagħha. Saru festi speċ jali li wkoll bdew f'Ġunju u baqgħu sejrin sal-festa titulari. Minbarra l-marċi u l-programm saru ukoll festini għat-tfal tal-membri u dinner għall-membri u ħbieb li waqtu ġie mżanżan it-terrazzin tal-Każin li kien għadu kif tlesta. Parti mill-festi li saru kienu jinkludu ukoll il-Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qalb ta' Ġesu' u lill-Qalb ta' Marija mill-E.T. l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Okkażjoni oħra kienet iż-żjara tal-Gvernatur Sir. R. Laycock, li kixef irħama ta' tifkira fl-intrata tal-Każin.

F'din l-okkażjoni il-Banda San Gejtanu kienet daqqet il-God Save mal-wasla tal-Gvernatur u waqt li nżamm riċeviment għall-mistednin, il-Banda esegwiet programm mużikali li kien jinkludi siltiet mill-Prince Igor, l-1812, l-



**Iċ-ċerimonja fl-1956 tal-Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qalb ta' Ġesù u lill-Qalb ta' Marija mill-Arċisqof Gonzi**

opri Iris, Nabucco u I Lombardi kif ukoll il-Kantata Lil San Gejtanu.

Fis-snin ta' wara il-format taċ-ċelebrazzjonijiet ftit inbidel sakemm qamet id-diffikulta' tat-traffiku. Kawża t'hekk il-marċ sar għal xi żmien fi Pjazza San Pawl u wara l-ikla fil-bitħa tal-Każin.

Iż-żmien kompla għaddej u waslet is-sena 1981 meta l-Għaqda San Gejtanu fakkret għeluq il-ħamsa u sebgħin sena mit-twaqqif tagħha. Iċ-ċelebrazzjonijiet li saru kienu speċjali u xierqa għat-tifkira ta' dan il-ġublew tad-djamanti. Dawn bdew il-Ħadd, 21 ta' Ġunju u damu sejrin sal-Ħadd, 28 ta' l-istess xahar. F'dawn il-festi ġew mistiedna jieħdu sehem il-baned San Ġużepp u Kunċizzjoni, il-Boy Scouts u Girl Guides tal-Ħamrun u l-Banda tal-Forzi Armati. Kienet saret ukoll Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u ngħataw wirjiet mill-Arco Belles. Kien sar ukoll Dinner Dance kbir.

Il-qofol ta' dawn il-festi kien il-Kunċert Vokali u Strumentali li l-Banda San Gejtanu esegwiet fl-24 ta' Ġunju taħt it-tmexxija tas-Surmast Nazzareno Mifsud. F'dan il-programm kienu ndaqqu s-siltiet Narcissus ta' Abela Scolaro, 75th Anniversary ta' Nazzareno Mifsud, La Traviata, Nabucco u I Lombardi ta' Verdi, La Gioconda ta' Ponchielli u l-Innu tal-Banda. Mal-Banda San



**Il-Banda San Gejtanu waqt it-tifkira tal-75 Anniversarju fl-1981**

Gejtanu dakinhar kienu ħadu sehem għadd ta' kantanti fosthom is-soprano Catherine Gauci u t-tenur Andrew Sapiano u l-kor tal-Ħamrun immexxi minn Dun Ġużepp Cachia.

Fis-snin ta' wara, l-Għaqda baqgħet tiċċelebra l-jum tal-24 ta' Ġunju b'għadd ta' attivitajiet u mas-snin dawn komplew jieħdu importanza kbira fil-kalendarju tal-Għaqda, b'għadd ta' inizzjattivi meħuda mill-Kummissjoni Żgħażagħ Tamlin u mill-Iskola tal-Mużika fi ħdan l-Għaqda.

Fil-fatt il-Kummissjoni Żgħażagħ ta' kull sena qed torganizza Lejla Tamlija kbira fejn għadd ta' Imsieħba u l-familji tagħhom jiltaqgħu flimkien mal-Kumitat biex jiċċelebraw l-Anniversarju tal-Għaqda. Fl-1990 twaqqfet il-Mro. Joseph Abela Scolaro Shield li hija premju għall-Bandisti tal-Post li dejjem qed tkun ippreżentata lir-rebbieħa fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-Anniversarju. Fl-1998 żdied premju ieħor, il-Mro. Nazzareno Mifsud Trophy, abbinat ma' l istudenti fl-iskola tal-mużika li wkoll jiġi ppreżentat fi żmien l-Anniversarju.

Fl-1996, l-Għaqda fakkret id-Disgħin Anniversarju tagħha b'festi tassew kbar li bdew b'Kunċert fit-Teatru Manoel fil-festa ta' Santa Ċeċilja, komplew b'Kunċert kbir ieħor f'Mejju fl-Istitut Kattoliku, Kunċert ta' Jum l-Anniversarju fi Triq il-Kbira quddiem il-Każin u Kunċert ieħor fi żmien il-festa ta' San Gejtanu. Bejniet dawn l-erba' Kunċerti ta' l-aktar livell għoli, l-Għaqda organizzat għadd ta' attivitajiet oħra bħal Quddiesa ta' Radd il-Ħajr, wirja dwar San Gejtanu, marċi minn baned mistiedna u attivitajiet sportivi. Ħarġet ukoll għall-bejgħ għadd ta' sovenirs speċjali.

Kien fil-Kunċert fl-Istitut Kattoliku li l-Arkivju Mużikali tal-Għaqda stagħna b'kapolavur ieħor permezz ta' l-Innu Tislima Lil San Gejtanu, kompożizzjoni tas-Surmast Ray Sciberras fuq versi tas-sur Anselm Sciberras. Dan l-innu hu mqassam f'seba' partijiet u ġie mfaħħar bil-bosta mhux biss minn t-Tamlin iżda minn kull min jaf japprezza x-xogħol serju u artistiku.

Sena wara, fl-1997, l-Għaqda fakkret jum twelidha billi tellgħet Kunċert kbir fil-Każin fl-24 ta' Ġunju u dakinhar fakkret ukoll għeluq il-50 sena tal-Kantata Lil San Gejtanu tas-Surmast Joseph Abela Scolaro u Dun Frans Camilleri.

Il-Kunċert Mużikali b'tifkira ta' Jum it-Twaqqif baqa' jsir fil-Każin San Gejtanu u anke din is-sena stess, assistejna għal Kunċert mill-isbaħ li ttella' l-Ħamis, 22 ta' Ġunju. Bħal kull sena inżammu wkoll attivitajiet oħra soċjali.

Nagħlaq billi ngħid li dan kollu juri ċar kemm l-24 ta' ĠUNJU, hu jum għażiż għall-Għaqda San Gejtanu. Hu jum San Ġwann, magħruf l-Għammiedi u żgur li ma kenitx kumbinazzjoni li kien f'jum l-Għammiedi li l-Għaqda twaqqfet u tgħammdet bl-isem tant sabiħ ta' San Gejtanu u bl-għan tant nobbli ta' tixrid fost il-Ħamruniżi ta' l-arti wisq sabiħa tal-mużika.